MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 58/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**Vs**

**Joseph SEYCHELL [ID. Nru. 668349M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' hames mija hamsa u sittin euro u tlieta u hamsin centezmu ta' euro [€565.53c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf tlieta u tmenin euro u erbgha u disghin centezmu (€565.53) skont prospett hawn anness u markat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi, numru tal-kont A/C40102610, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar kont u cioe mit-12 ta' Mejju 2010 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fit-13 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"L-ammont mitlub mhux dovut, stante li jinkludi fih hlas ghal decoders li kienu gew ritornati lis-socjeta attrici u s-servizz li fuqu qed jintalab il-hlas kien difettuz".

Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti datata 27 ta' April, 2012 u li permezz taghha infurmat lit-Tribunal li l-ammont mitlub minnha fit-Talba kellu jigi ridott b'mija u hamsin euro (€150) peress li l-apparat gie ritornat mill-intimat lis-socjeta rikorrenti. B'hekk is-socjeta rikorrenti issa qeghda titlob li l-intimat ihallasha s-somma ta' erba' mija u hmistax il-euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro €415.53 flok €565.53;

Ra l-verbal tat-13 ta' Novembru, 2012 u li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti;

L-ewwel u qabel kollox it-Tribunal jirrileva li il-kliem ta' l-ammont dovut fit-Talba u l-figuri imnizzla wara l-kliem bl-ammont dovut ma humiex l-istess. Fil-fatt, fit-Talba insibu hekk "*elf tlieta u tmenin euro u erbgha u disghin centezmu (€565.53)*" (fol. 4). Imbaghad jekk wiehed jara l-kont li gie anness mat-talba jsib li l-ammont dovut huwa indikat bhala hames mija hamsa u sittin euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro (€565.53). Finalment, skond ma jirrizulta min-nota ta' riduzzjoni, pprezentata mis-socjeta rikorrenti fis-27 ta' April, 2012, l-istess socjeta rikorrenti tghid li l-ammont minnha mitlub huwa ta' €415.53 wara li hija naqset is-somma ta' €150 li huwa l-prezz ta' l-apparat li

gie ritornat lura lilha mill-intimat. Issa jekk it-Tribunal jghodd is-somma ta’ €150 ma’ l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti fin-nota ta’ riduzzjoni taghha u cioe l-ammont ta’ €415.53 jigi l-ammont komplessiv ta’ €565.53 li huwa l-ammont indikat f’cifri fit-Talba u l-ammont indikat fil-kont anness mat-Talba tas-socjeta rikorrenti. Jidher ghalhekk li l-kliem “*elf tlieta u tmenin euro u erbgha u disghin centezmu*” fit-Talba huma zbaljati u l-ammont proprju kellhu jkun ta’ hames mija hamsa u sittin euro u tlieta u hamsin centezmi ta’ euro (€565.53). Minn dan l-ammont, imbaghad, is-socjeta rikorrenti naqset l-ammont hawn imsemmi ta’ mija u hamsin euro (€150) biex b’hekk issa s-socjeta rikorrenti qeghda tghid li l-intimat ghandu jaghtiha s-somma ta’ erba’ mija u hmistax-il euro u tlieta u hamsin centezmi ta’ euro (€415.53). Huwa fuq dan l-ahhar ammont ta’ €415.53 li t-Tribunal sejjer jiddeciedi jekk l-intimat ghandux jaghti lis-socjeta rikorrenti jew le f’din is-sentenza.

Fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2012 xehdet Simone Ellul, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti u qalet li l-intimat kien ghad fadallu jaghti s-somma ta’ erbgha mija u hmistax-il euro u tlieta u hamsin centezmu (€415.53c). “*Dan l-ammont*” tghid Simone Ellul “*huwa dovut ghal servizz li s-socjeta minni rapprezentata pprovdiet lill-konvenut ghar-rigward ta’ television u telephone*” (fol. 14). Qalet ukoll li s-servizz gie terminat mill-intimat. Qalet ukoll li ghar-rigward tas-servizz ta’ televizjoni ma kien hemm l-ebda ilment da parti ta’ l-intimat filwaqt li ghar-rigward tas-servizz ta’ telefonija kien hemm xi ilmenti u wara li saret id-debita verifika rrizulta li dawn kienu fondati u l-intimat inghata kreditu ta’ tlieta u ghoxrin euro u disghin centezmu (€23.90) fit-12 ta’ Marzu, 2010. Dan l-ammont inqata mill-bilanc li l-intimat kellhu jaghti lis-socjeta rikorrenti. In kontro-ezami, r-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti stqarret li minn meta gew installati s-servizz ta’ televizjoni u telefonija da parti tas-socjeta rikorrenti, l-intimat qatt ma hallas kont. L-intimat kien applika ghal dawn is-servizzi fit-30 ta’ Gunju 2009 u s-servizz gie terminat fil-11 ta’ Mejju, 2010. Qalet ukoll li l-intimat irritorna zewg *decoders* li jiswew hamsa u sebghin euro (€75) il-wiehed.

Fis-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2012 regghet xehdet l-istess Simone Ellul. Ma dak li diga kienet xehdet, ix-xhud ziedet tghid li s-socjeta minnha rapprezentata kienet “*naqset erba’ xhur kera*” (fol. 21) minhabba xi problemi li l-intimat kien qieghed jesperjenza fis-servizz tat-telefonija.

Fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru, 2012 xehed l-intimat. Huwa qal li kien applika ghal *bundle service agreement* u cioe ghal servizz ta’ televizjoni u telefonija. Qal ukoll li dam juza dan is-servizz ghal ghaxar (10) xhur shah. Zied ighid li huwa kien qieghed jaghmel diversi lmenti ghar-rigward tas-servizz tat-telefon u dan fis-sens li “*... kelli problema bis-sistema il-ghaliex ghalkemm jigi ghal ftit zmien ftit granet wara s-sistema terga titlaq*” (fol. 29). Fuq dan il-punt, l-intimat qal li “*F’Awwissu ta’ l-elfejn u disgha (2009) per ezempju lanqas kelli linja tat-telephone u allura ma nippretendix li ghandi nhallas jiena ghal xi haga li ma kellix uzu taghha. Lanqas ma kelli f’Ottubru u Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Fi Frar tas-sena elfejn u ghaxra ukoll ma kellix*” (fol. 29). L-intimat jistqarr pero li jaqbel “... *ma dak li kien intqal mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti fit-tmintax (18) ta’ Ottubru elfejn u tnax (2012) meta qalet li kienu tnaqqsu erbgha (4) xhur kera dan pero ghar-rigward ta’ telephone*” (fol. 29). Finalment ighid li “*Kull gimgha jew kull hmistax kont nikkomplejnja jiena ma’ s-socjeta rikorrenti. Kont incemplilhom bil-mobile ghax ovvjament it-telephone taghhom ma kienx jahdem. Jiena ssugerejtilhom sabiex inehhuli t-telephone u nzomm it-television. Huma qaluli li dak kuntratt wiehed u trid tonorhom it-tnejn. Jiena wegibthom ‘intom tridu tonorawhom it-tnejn li huma u ghalhekk kellkom taghtuni servizz suriet in-nies’. Nikkalkula li jekk nghodd it-telefonati kollha li ghamilt mit-telephone li kelli tas-socjeta rikorrenti nikkalkula li ghamilt tmenin (80) telefonata, li ghal dawk it-tmenin (80) telefonata hallast mitt euro (€100) iccargjawni mitt euro (€100), bil-mobile kont nehel inqas*” (fol. 29-30).

Ra n-nota ta’ l-intimat datata 12 ta’ Novembru, 2012 u li permezz taghha huwa ddikjara li ma kienx ghad fadallu aktar provi xi jressaq.

Ikkunsidra ulterjorment;

Permezz ta' din il-kawza, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' erba' mija u hmistax-il euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro (€415.53) ghas-servizzi ta' telefonija u televizjoni uzati mill-intimat. Mir-rendikont esebit mis-socjeta rikorrenti (dok. SM1 a fol. 16 u 17 tal-process) jirrizulta li l-ammont ta' €415.53 huwa maqsum hekk:

i. Servizz ta' telefonija: €312.40
ii. Servizz ta' televizjoni: €72.86
iii. Spejjez ohra (*legal expenses*): €30.27

Dawn l-ammonti huma dovuti, skond is-socjeta rikorrenti, ghall-perjodu 4 ta' Lulju, 2009 u t-12 ta' Mejju, 2010.

Mill-provi rrizulta li l-intimat verament kellu problemi bil-linja tat-*telephone* pprovduta mis-socjeta rikorrenti, tant li l-istess socjeta rikorrenti rrikonoxxiet dan il-fatt u hadet hsieb li tnaqqas erba' xhur kera ghall-uzu ta' dan is-servizz. L-intimat jistqarr ukoll, dejjem fir-rigward ta' l-uzu tas-servizz tat-*telephone*, illi huwa jikkalkula li uza t-telefon ghal xi "*tmenin (80) telefonata*" (fol. 30). Ghar-rigward ta' l-uzu tas-servizz ta' televizjoni l-intimat ighid li "*... kull ma kont ghamilt huwa ilment wiehed ...*" (fol. 29).

Mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa tal-fehma li dak li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti huwa gustifikat u dan peress li ma jirrizultax li hija qeghda titlob xi hlasijiet ghal servizzi li ma inghatawx. Dan fuq kollox jaqbel mieghu l-intimat. Kull meta kien hemm xi lment da parti ta' l-intimat ghar-rigward tas-servizz tat-*telephone*, dawn dejjem gew indirizzati mis-socjeta rikorrenti u kull meta kellhu ragun l-intimat huwa inghata dan ir-ragun u fil-fatt inghata r-*refunds*. It-Tribunal ma jistax jaccetta l-argument ta' l-intimat illi huwa ma ghandu jaghti xejn ghas-servizzi minnu uzati. Tajjeb jew hazin (ghalmenu ghar-rigward tas-servizz tat-telefonija) l-intimat xorta wahda uza dan is-servizz. L-ilment l-iehor ta' l-intimat li fl-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti kien hemm ukoll talba ghal hlas ta'

*decoders* li gew ritornati lura ukoll gie indirizzat mis-socjeta rikorrenti meta hija naqset l-ammont ta' mija u hamsin euro (€150) mill-ammont mitlub originarjament permezz ta' din it-Talba.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghall-ammont ta' erba' mija u hmistax-il euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€415.53] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija u hmistax-il euro u tlieta u hamsin centezmi ta' euro [€415.53] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------